TAJJEB LI TKUN TAF
Tagħrif maħruġ mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni

FRAR, 1961 Nru. 1/61

# GĦAR DALAM

WAĦDA mix-xjenzi li bosta nies jitgħallmu hi l-Ġeoloġija. Din tistħarreġ il-blat u l-qiegħ ta' l-art li fuqha l-bnedmin igħixu, jibnu u jaħdmu.

Mill-Ġeoloġija nafu li kif hemm portijiet li mtlew bil-ġebel u b'kull ma' x-xmajjar ġarrew magħhom f'mixjiethom lejn dawk il-portijiet, hekk li llum dawn saru art, hekk ukoll hemm gżejjer li saru bil-frak tal-blat u b'dak li l-baħar ġarr. U kif dak li x-xmajjar ġarrew u bih imlew bajjiet u portijiet jissejjaħ sediment, hekk dak il-blat li hu magħmul b'dak il-frak ta' blat li l-baħar ġarr minn imkejjen oħra u ħalla f'naħa waħda tal-qiegħ, jissejjaħ blat sedimentarju.

Fil-blat u fil-qiegħ ta' l-art ta' dawn il-gżejjer, wieħed jilmaħ għadd ta' taqsimiet waħda fuq l-oħra, ta' taħt eqdem minn ta' fuq. Dawn it-taqsimiet jissejħu strati, u fihom jinstabu siġar u għadam ta' annimali li matul il-medda twila taż-żmien ikunu saru qishom ħaġa waħda mal-ġebel. Dawn il-fdalijiet ta' siġar u għadam ta' annimali jissejħu fossili.

In-nies imħarrġin fil-Ġeoloġija għandhom ismijiet għaż-żmien li għadda mill-bidu tad-dinja. Iż-żmien minna sa għaxart elef sena ilu jissejjaħ *Holocene*, u minn għaxart elef sena ilu sa miljun sena ilu jissejjaħ *Pleistocene*. Imbagħad, iż-żmien li għadda minn miljun sena ilu sa ħmistax-il miljun sena ilu jissejjaħ *Pliocene*, u ż-żmien li għadda minn ħmistax-il miljun sa ħamsa u tletin miljun sena ilu jissejjaħ *Miocene*. Minn dan iż-żmien imsejjaħ *Miocene* salbidu tad-dinja għaddew miljuni oħra ta' snin, u għandhom ismijiet oħra fil-Ġeoloġija.

Bil-għajnuna tal-Ġeoloġija sirna nafu li fiż-żmien imsejjaħ *Miocene* kien hawn taqlibiet kbar tal-baħar u ta' l-art. Tnisslu għadd ta' muntanji, u l-baħar Mediterran kien jinfirex wisq iżjed milli jinfirex il-lum, u kien jgħatti ħafna mill-art li fuqha llum hemm l-ibliet.

Il-Ġeoloġija għallmitna wkoll li fiż-żmien imsejjaħ *Pliocene*, fl-Ewropa kien hawn iljunfanti, ipoppotami u ċriev. Dawn kienu għadhom hemm fiż-żmien imsejjaħ *Pleistocene*. Hu fiż-żmien *Pleistocene* li fid-dinja deher il-bniedem.

Issa niġu għall-gżejjer tagħna Maltin. Il-gżejjer tagħna huma magħmulin minn blat sedimentarju, u huwa blat li juri li għaqad u sar ħaġa waħda fiż-żmien imsejjaħ *Miocene*, jiġifieri l-gżejjer tagħna saru bejn il-ħmistax u ħamsa u tletin miljun sena ilu. Imbagħad, il-gżejjer twieldu għad-dawl



tax-xemx, fiż-żmien ta' taqlib kbir, meta twieldu għadd ta' muntanji, u meta l-baħar Mediterran, li fil-Ġeoloġija jissejjaħ *Tethys*, niżel mil-livell li kellu.

B'dankollu, il-gżejjer tagħna ma twieldux bħala gżejjer, għaliex huma kienu magħqudin mal-kontinent. Dan jixhdu Għar Dalam, li huwa għar kbir, qrib Birżebbuġa. L-art tiegħu hi ħoxna fuq erbatax-il pied u fl-istrati tagħha hemm minn dawk il-kolonni li jissejħu stalagmiti, u li jiġu magħmulin matul il-medda ta' eluf ta' snin mill-materjal li jħallu l-qtar ta' l-ilma. Fis-saqaf wieħed jista' jara mdendlin stalattiti, li dawn ukoll huma kolonni magħmulin mill-materjal li jħallu warajhom il-qtar ta' l-ilma jċarċar, u li jixhdu eluf ta' snin.

Fil-qiegħ nett ta' Għar Dalam li aktar tistħajlu mina tal-ferrovija milli għar instabu fossili ta' għadd bla tarf ta' ipoppotami u ta' iljunfanti. Dawn l-annimali ma setgħux jiġu Malta kieku mhux għax Malta kienet magħquda mal-kontinent.

Billi l-għadam jixhed li l-iljunfanti ta' Għar Dalam huma mis-sura ta' l-iljunfanti li kienu jgħixu fl-Ewropa, u billi bejn Malta u Sqallija l-baħar fil-biċċa l-kbira ma fihx aktar minn ħamsin qama u mhux aktar minn mija, hu maħsub li l-gżejjer tagħna kienu magħqudin ma' l-Ewropa, hekk li dawk l-annimali ġew minn Sqallija.

Billi dawk l-iljunfanti juru li ma kibrux kemm kellhom jikbru, u billi l-fossili li nstabu iżjed fil-wiċċ huma terġa' u tgħid iżgħar minn dawk li nstabu taħthom, hu maħsub li dawk l-annimali ma kibrux kemm kellhom jikbru minħabba li meta l-art ta' bejn Malta u Sqallija niżlet u Malta saret gżira, huma ma kellhomx x'jieklu

biżżejjed; u aktar ma beda jgħaddi ż-żmien aktar bdew jiċkienu.

Fuq l-istat tal-fossili ta' l-ipoppotami u l-iljunfanti, fuq l-għadam ta' l-iżgħar fost l-iljunfanti, instab il-għadam fossilizzat taċ-ċriev li kienu jgħixu fl-Ewropa fiż-żmien imsejjaħ *Pleistocene.*

Dan iħassbek li wara li l-art ta' bejn il-gżejjer tagħna u l-kontinent kienet niżlet, wara snin ta' snin reġgħet telgħet, hekk li f'Malta setgħu jgħaddu dawn l-annimali l-oħra. Imbagħad il-gżejjer tagħna reġgħu nqatgħu mill-kontinent. U din hi ħaġa li l-Ġeoloġi jagħarfu li setgħet ġrat.

Issa, hu magħruf li fiż-żmien imsejjaħ *Pleistocene* kienu dehru l-bnedmin fid-dinja. U l-ewwel bnedmin kellhom l-egħruq ta' snienhom mhux mifrudin, dawk ta' waħda minn ta' 'l oħra, iżda magħqudin flimkien. Dan hu fenomenu li jissejjaħ Taurodontiżmu.

Billi sirna nafu li l-fenomenu msejjaħ Taurodontiżmu nstab ukoll fi bnedmin ta' żminijiet aktar qribna, u billi ż-żewġ darsiet li nstabu f'Għar Dalam setgħu tniżżlu hekk l-isfel minħabba li setgħu ġġarrew minn annimali żgħar, wieħed ma jistax igħid li tabilħaqq f'Malta kien hawn bnedmin sa mill-bidu nett li huma dehru fid-dinja. Dawn l-ewlenin bnedmin jissejħu tas-sura ta' *Neanderthal.*

Iċ-ċiviltà ewlenija tal-bniedem hi msejħa ċ-ċiviltà ta' żmien il-ħaġar, għaliex l-għodda ta' l-ewlenin bnedmin kienet il-ħaġar. It-taqsima l-iżjed qadima ta' din iċ-ċiviltà taż-żmien *Pleistocene*, hi msejħa *Paleolitika.* Warajha tiġi t-taqsima Neolitika, meta l-bnedmin bdew jinqdew b'għodda aħjar u jaħdmu biż-żnied.

Issa, għodda u xogħol taċ-ċiviltà *Paleolitika,* ma nstabux Malta, waqt li nstabu ħafna taċ-ċiviltà Neolitika. U għalhekk il-lum hu maħsub li l-ewlenin bnedmin li għammru f'Malta kienu l-bnedmin mhux taċ-ċivilta' tal-ħaġar ewlenija, iżda dawk taċ-ċiviltà Neolitika.

F'Għar Dalam, fuq l-istrat fejn instab il-għadam taċ-ċriev, flimkien ma' għadam ta' annimali oħra instabu bċejjeċ ta' xogħlijiet tal-fuħħar. U huma l-eqdem li nstabu hawn Malta.

Uħud minn dawn il-bċejjeċ tal-fuħħar huma ta' lewn kannella, oħrajn ta' lewn griż. Uħud huma fuħħar oħxon u jixhdu li huma bċejjeċ minn ġarar kbar, waqt li oħrajn huma ta' fuħħar aktar irqiq u huma bċejjeċ minn oġġetti aktar fini, u d-dekorazzjoni tagħhom hi maħduma aktar minn ta' l-oħrajn. Id-dekorazzjoni għamluha fuq it-tafal qabel ma' ħmewh. Minn daqqiet saret b'zokk ta' siġra, u kultant b'arzella.

Hemm dekorazzjoni li hi magħmula minn ħofor, li ġie li huma wara xulxin bħal filliera. Hemm dekorazzjoni oħra li hi magħmula minn għadd ta' linji. Imbagħad, l-iżjed li fiha xogħol hi d-dekorazzjoni magħmula minn ġemgħat ta' linji, kull ġemgħa mifruda minn oħra b'faxxa kultant wiesgħa u kultant dejqa. Mhux dejjem hemm din il-faxxa, għaliex ġie li ġemgħa ta' linji hi mifruda minn oħra, billi waħda hi ġemgħa ta' linji orizzontali jew vertikali, u ġemgħa oħra hi ta' linji li qegħdin sura oħra.

Fi Stentinello, Sqallija, instab ukoll fuħħar b'dekorazzjoni bħal dak ta' Għar Dalam, u nstab ukoll fuħħar li juri sengħa oħra. Dan ta' l-aħħar hu anqas qadim minn dak ta' l-ewwel. U għalhekk, il-fuħħar ta' Għar Dalam hu bħall-eqdem li nstab fi Stentinello, u li nħadem mat-tlitt elef sena qabel Kristu. Minħabba f'hekk tfissret il-fehma li l-ewlenin bnedmin li ġew hawn Malta mill-kontinent kienu nies li jafu s-sengħa tal-fuħħar kif kienu jaħdmuh l-ewlenin nies ta' Stentinello. Dan ifisser li l-ewlenin nies ġew Malta bejn it-tlitt elef u l-elfejn sena qabel Kristu.

Instabu wkoll f'Għar Dalam żewġt irjus ta' annimali. Dawn huma dekorazzjoni maħduma b'għadd ta' toqob imħaffrin fuq it-tafal b'zokk, u waħda mill-irjus tidher li hi fuq manku ta' ġarra.

Għar Dalam beda jiġi mifli fis-sena 1865. Fih għadam ta' annimal oħra barra dawk imsemmija, u fdalijiet ta' ċiviltajiet ta' wara dik Neolitika.

O.H.M.S.

6 30PM 2 FEB 1961 MALTA